**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**Illum l-1 ta' Gunju 2022**

**Il-Pulizija**

**(Spt. Elliot Magro)**

**Vs**

**Duncan Joseph Mangion**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' **Duncan Joseph Mangion** bin Joseph u Angela xebba Cauchi imwieled Pieta nhar it-13 ta' Frar 1981 residenti gewwa 18, Triq Frangisk Zahra, Mellieha u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 104581M, akkuzat talli;

Nhar id-19 ta' Ottubru 2019 ghal habta ta' 12.46hrs fl-inhawi ta' l-Ahrax tal-Mellieha u f'dawn il-gzejjer waqt stagun maghluq ghat-tehid tal-ghasafar, ha jew pprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht dwan ir-regolamenti jekk mhux skont dawn ir-regolamenti u skont il-kondizzjonijiet ta' kull licenzja li tinghata tahtha u dan bi ksur tar-Regolament 4(1)(a) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaccja jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza lixki ta' ghasafar protetti u dan bi ksur ta' Regolament 7 (1) (i) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ha jew ipprova jiehu b'xi mezz, xi ghasfur u dan bi ksur tar-Regolament 18(1) (c) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba illi barra li tghati l-piena taht ir-regolament 27 tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-oggetti u s-sospenzjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghall-perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda;

Rat id-dokumenti esebieti;

Semghet is-sottomissjonijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tal-qua imputat, l-prosekuzzjoni ressqet l-affidavits tal-ufficjali tal-pulizija li ghamlu l-ispezzjoni relevanti ghall-kaz odjern, ix-xhieda ta' Fiona Burrows kif ukoll ix-xhieda ta' rapprezentant tal-Wild Bird Regulations Unit.

Illi mill-provi mressqa, partikolarment mill-affidavits tal-ufficjali tal-pulizija jirrizulta li wara li l-istess pulizija rcevew rapport rigwardanti attivita' ta' insib illegali minghand il-CABS huma marru fuq is-sit indikat lilhom u cioe fl-inhawi tal-Ahrax tal-Mellieha. Hemmhekk huma sabu lill-qua imputat fuq mansab deskritt bhala *mansab attiv ghall-ghasafar tal-ghana* mill-istess ufficjali. PC1568 M. Falzon jispjega li l-qua imputat gie ordnat izarma l-mansab fejn il-pulizija elevat ix-xibka filwaqt li l-ghasafar gew mghoddija lura lill-qua imputat galadarba dawn kienu kollha bic-curkett. Ghaldaqstant jirrizulta li l-imsemmi mansab kien armat bi xbieki, mdawwar bl-ghasafar tal-ghana u kien hemm il-prezenza tal-qua imputat fuq l-istess mansab. Wara li l-qua imputat inghata d-drittijiet tieghu inkluz id-dritt ghall-assistenza legali (liema dritt l-imputat irrifjuta u ffirma dikjarazzjoni ta' dan), huwa ammetta mal-pulizija li l-imsemmi mansab huwa tieghu. Il-prosekuzzjoni rnexxielha ukoll tipprova li fid-data in kwistjoni u cioe' fid-19 ta' Ottubru 2019 ma kienx hemm stagun miftuh ghall-insib tal-ghasafar tal-ghana.

Ghaldaqstant fid-dawl tal-imsemmija provi dina l-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mil-ligi l-ewwel u t-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-qua imputat. Illi ghal dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni, dina l-Qorti hija tal-fehma li dina l-imputazzjoni ma gietx sodisfacentament pruvata galadarba l-ghasafar li ntuzaw bhala lixki kellhom kollha curkett regolari, tant li dawn gew mghoddija lura lill-imputat.

**Decide:**

Ghal dawn il-mottivi, dina l-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 4(1)(a) u 18(1)(c) tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, qed tillibera lill-qua imputat mit-tieni imputazzjoni filwaqt li qed issib lill-istess imputat, Duncan Joseph Mangion, hati tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tikkundanah ghall-multa ta' Eur. 1, 500 li b'applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kodici Kriminali tista tithallas b'rati mensili ta' mitt Ewro (Eur. 100) fix-xahar. F'kaz li l-hlas ikun ha jsir b'rati mensili, l-ewwel pagament ghandu jsir fi zmien xahar millum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jekk dan ma jithallasx jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia

Deputat Registratur